**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 16/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Patrick Galea**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Patrick Galea**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 22973(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-7 ta' Awwissu 2019 għal ħabta ta' 11:45hrs ġewwa Water Service Corporation, Ind. Est., Kordin:

1. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn €23.29ċ iżda anqas minn €116.471ċ għad-dannu ta'

Carmelo Caruana u dan bi ksur ta' Artikolu 325(1)(ċ) ta' Kapitolu 9;

2. ħebb għal persuna ta' Carmelo Caruana u kkawża offiża ta' natura ħafifa hekk kif ġie ċċertifikat mit-Tabib Stephanie Frendo miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid u dan bi ksur ta' Artikolu 221(3) ta' Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Jannar 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 325(1)(ċ) u 221(3) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li sabet lill-imputat mhux ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u lliberatu minnha, sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu għal piena ta' ħames mitt Euro (€500) multa.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-6 ta' Frar 2020 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"1. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ma sabitux ħati tal-ewwel imputazzjoni; 2. Tħassarha in kwantu sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni; 3. Jew b'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tiġi kkonfermata l-ħtija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tikkalibra l-piena imposta b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet

li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq is-segwenti aggravji:

- l-ewwel wieħed huwa dwar l-apprezzament tal-provi u dan l-aggravju jaqsmu f'parti ġenerali u f'parti oħra dwar ix-xiehda ta' Carmelo Caruana u l-kredibilita' tiegħu;

- it-tieni aggravju huwa dwar il-*legittima difesa*;

- it-tielet aggravju huwa dwar in-nuqqas ta' *nexus criminis* bejn l-aġir tiegħu u l-ġrieħi sofferti minn Carmelo Caruana.

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni ta' numru ta' nuqqasijiet, inkonsistenzi u kontradizzjonijiet u li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha *beyond a reasonable doubt* u jekk hemm *lurking doubt* dan għandu jmur favur tiegħu. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha xhieda kontrastanti u li hu spjega li Carmelo Caruana kien ħataf martell u beda jxejru f'wiċċu u li għalhekk hu (l-appellant) kellu jirreaġixxi biex jiddefendi ruħu. Jagħmel riferenza għal xi inkonsistenzi. Jgħid li Caruana ma għandux jitwemmen meta jgħid li hu (l-appellant) aggredih għal xejn b'xejn. Jgħid li Caruana ma jgħidx li hu (l-appellant) kien mar biex ikellmu minħabba li ma riedx klieb fuq il-post tax-xogħol. Jisħaq li l-verżjoni ta' kif hu (l-appellant) irreaġixxa hija kredibbli speċjalment kif irnexxielu jaħtaf il-martell minn idejn Caruana. Jargumenta li din il-prova hija msaħħa minn xhieda oħra u li minn naħa l-oħra Caruana daqqa jixhed li ma qabadx pajp u mbagħad fil-kontro-eżami jammetti li qabad pajp. Jgħid li Caruana jgħid li ħareġ barra iżda mix-xiehda ta' Anthony Gauci jirriżulta li Caruana rritalja.

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jisħaq li r-reazzjoni tiegħu kienet waħda ta' *legittima difesa*. Jgħid li meta kien qed jara lil Caruana bil-martell huwa kien qed jiffaċċja theddida nġusta, gravi u inevitabbli u li hu qatt ma xtaq iweġġa' lil Caruana tant li ma tah ebda daqqa.

Illi fir-rigward tat-<u>tielet aggravju</u> u ċioè li m'hemmx *nexus criminis* bejn l-aġir tiegħu u li l-ġrieħi ħfief sofferti minn Caruana jargumenta li hemm dubju serju jekk il-ġrieħi seħħewx minnu jew minn persuni oħra li ppruvaw jikkontrollaw lil Caruana.

**Ikkunsidrat**

Illi dan l-appell huwa primarjament dwar l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti. Kif ingħad diversi drabi, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk din tkun waslet għall-konklużjoni loġikament u legalment.

Illi l-Qorti kkunsidrat il-provi mressqa bir-reqqa. Jirriżulta li l-inċident ġara fis-7 ta' Awwissu 2019 iżda Caruana għamel rapport fil-21 ta' Ottubru 2019. Il-Qorti tinnota li l-provi kienu jikkonsistu fost l-oħrajn fis-segwenti:

- Affidavit ta' **PS 1258 Carmel Debattista** (*a fol.* 3 *et seq.*). F'dan l-affidavit hemm riferenza għal dak li stqarr Caruana u l-appellant. Fir-rigward ta' Caruana jirriżulta li dan sostna li l-akkadut seħħ minħabba li l-appellant ma riedx klieb fil-*workshop* u li huwa qal li kien sab ruħu mal-art u li l-imgħallem kellu saqajh fuq sidru u b'idu ma' għonqu. Kien qallu lil Caruana: *"Jien ma nibżax minnek, noqtlok"* (*a fol.* 3). Fl-affidavit imsemmi jingħad li l-appellant kien stieden lil Caruana għall-ġlied u li kien iltaqa' miegħu fit-triq u offrielu biex jitla' miegħu fejn Caruana ddeċieda li jitla' u Caruana staqsa lill-appellant jekk kienx kollox sew u li l-appellant qallu: *"Int qatt ma missek ġejt bil-kelb"* (*a fol.* 3). PS 1258 Debattista jgħid li Caruana qal li wera lill-appellant xi ġrieħi kien sofra u l-ħsara tan-nuċċali u li l-aħħar kliem tal-appellant kienu: *"Mhux aħjar nirranġaw l-affarjiet ta' bejnietna?"* (*a fol.* 3).

Caruana tah ċertifikat maħruġ miċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid.

Fir-rigward tal-appellant, fl-affidavit ta' PS 1258 Debattista jirriżulta li l-appellant kien qal li Caruana kien qed ikun antipatiku miegħu u jgħid li ma jibża' minn ħadd u li kien talbu biex joħroġ il-kelb barra mill-kċina iżda l-kelb ma kienx ħarġu. Fil-jum tal-akkadut l-appellant jgħid li sema' lil Caruana jitkellem mal-kelb imma rriżultalu li ma kienx daħħal il-kelb u li l-appellant ħa din bħala provokazzjoni fejn huwa wissa lil Caruana li l-biċċa xogħol kellha tieqaf hemm imma dagħa waħda u għamel idu ma' sidru (ma' sider l-appellant) u mbuttah (lill-appellant). Fl-affidavit jingħad li l-appellant qal li mbotta lil Caruana lura li waqa' mal-art u li Caruana qam u qabad martell minn fuq *work bench* u *"ġie jxarrabieli fuq rasi, imma ma laqatniex"* (*a fol.* 7). L-appellant jgħid li huwa kkontrolla lil Caruana billi niżżlu mal-art biex ma jkomplix ixejjer bil-martell u li Caruana qabad pajp tal-ħadid u tah daqqa fuq il-hip fuq in-naħa tax-xellug u ta' dan għandu ċertifikat mediku u li Caruana anke qabad siġġu biex isawtu bih. Caruana ċaħad li hu sawwat lil xi ħadd bil-pajp u li kien qabad il-pajp biex ibeżżgħu biss.

- **Carmelo Caruana** (*a fol.* 21 *et seq.*) xehed li Patrick Galea kien aggredih u sab ruħu mal-art bin-nuċċali mkisser. Jgħid li kien iċċalinġjah għall-ġlied u qallu li ser joqtlu. Jgħid li Galea kien għafsu f'sidru, għonqu, idejh u saqajh u li kien kissirlu n-nuċċali u qatagħlu l-arloġġ. Jispjega li kellu tbenġila f'għonqu u ma setax jattendi x-xogħol l-għada.

  In <u>kontro-eżami</u> qal li huwa mar jagħmel ir-rapport wara li l-Korporazzjoni talbitu sabiex jagħmel hekk. Dwar jekk kienx qabad martell, wieġeb li dan kien kollu kliem infondat u li huwa qabad pajp meta Galea kien irritalja biex isawwtu. Ċaħad li kien għamel xi offiżi fuq Galea u jgħid li l-kollegi ppruvaw iżommu kemm lilu kif ukoll lil Galea iżda ċaħad li għalquh ġo xi kamra u fl-aħħar qal li ma jafx li għalquh.

- Fl-affidavit tagħha (*a fol.* 46), **Dr. Stephanie Frendo** xehdet dwar l-offiżi ħfief fuq Carmelo Caruana b'dan illi l-Qorti tinnota li filwaqt li *a fol.* 13 hemm ċertifikat tal-ġrieħi tal-istess Caruana, Dok. "PG 2" (*a fol.* 48) huwa ċertifikat fuq l-offiżi ħfief fuq Patrick Galea.

- L-imputat **Patrick Galea** (*a fol.* 51 *et seq.*) xehed li Carmelo Caruana ma riedx jobdi l-ordnijiet tiegħu u kien idaħħal il-kelb ġewwa minkejja li kien jgħidlu biex ma jdaħħalx klieb. Jisħaq li mar iwissi lil Caruana biex ibiddel l-attitudni tiegħu u li Caruana tefa' jdejh fuq sidru u mbuttah (lil Galea) waqt li dagħa. Jispjega li dak il-ħin *"instintivament għamiltlu hekk u ġie bil-qegħda mal-art"* (*a fol.* 53) u tah ċans iqum u kif qam Caruana ħataf martell minn fuq il-bank u *"ġie jxarrabili fuq rasi"* (*a fol.* 53). Jgħid li ddefenda ruħu billi tefgħu mal-art u żammu sod u tefa' jdejh fuq geddum Caruana u għamel irkobbtejh fuq sidru. Jgħid li hu (Galea) f'ebda ħin ma ta' daqqa waħda. Jispjega li ntervjenew persuni biex jifirduhom u Caruana qabad pajp u laqtu għalkemm ma tantx weġġa'. Jisħaq li Caruana baqa' jipprova jmur għalih u li lilu (lil Galea) kienu qalulu li kienu sakkru lil Caruana f'kamra u li dan qabeż mit-tieqa.

- Fid-depożizzjoni tiegħu, **Anthony Gauci** (*a fol.* 62 *et seq.*) qal li kien ra lil Galea fuq Caruana. Jgħid li kien fuq sidru. Jixhed li Caruana kien ser jaqbad jirritalja u li hu (Gauci) qabdu u mbuttah ġo kamra. Jgħid li Caruana pprova jxejjer bil-ħadida meta kien qala' lil Galea minn fuq Caruana. Jispjega li hu ndaħal biex ma jħallix lil Caruana jagħti bil-ħadida.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi jirriżulta li l-appellant kien mar biex iwissi lil Caruana minħabba li dan tal-aħħar ma kienx qed josserva l-ordnijiet tiegħu. Jirriżulta li kien Caruana li għamel idu fuq sider l-appellant u mbuttah. L-appellant huwa ttrenjat fis-*self-defence* u għalhekk imbotta lil Caruana li spiċċa mal-art waqt li l-appellant

żamm saqajh fuq sidru u jdejh fuq għonq Caruana. Biss Galea wkoll qal kliem bħal *"Ser noqtlok"*. Kliem bħal dan mhux bilfors jittieħed litteralment għax jintqal f'dagħdigħa speċjalment meta wieħed jikkonsidra li l-allegat vittma kien anke qal dagħwa huwa u jindirizza lill-appellant li wara kollox dan huwa ogħla minnu fil-grad u għandu d-dmir li jżomm ċertu ordni fuq il-post tax-xogħol.

Illi l-Qorti hija moralment konvinta li Carmelo Caruana qabad martell u anke pajp biex ixejjirhom lejn Galea li sofra wkoll xi ġrieħi kif juri ċ-ċertifikat mediku mmarkat bħala Dok. "PG 2" (*a fol.* 48).

Illi l-Qorti tinnota li meta Carmelo Caruana kien mistoqsi dwar l-użu tal-martell u tal-pajp waqt il-kontro-eżami tiegħu huwa kien ferm evażiv u ma bediex jgħid il-verita' kollha. Il-Qorti ma teskludix li kien l-appellant Galea li għamel l-offiżi ħfief fuq Carmelo Caruana għaliex l-offiżi ndikati fiċ-ċertifikat li jinsab *a fol.* 13 huma kompatibbli ma' kif Galea kien qed iżomm lil Caruana.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li kien Carmelo Caruana li beda l-aggressjoni u li l-appellant irreaġixxa biex jiddefendi ruħu skont kif tgħallem fil-metodi tas-*self-defence*.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel żewġ aggravji hekk kif imressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu jistħoqq li jiġu milqugħa u b'hekk ma hemmx ħtieġa li jsiru aktar konsiderazzjonijiet fir-rigward tat-tielet aggravju.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Patrick Galea u b'hekk tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel (1) imputazzjoni, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u fejn ikkundannatu jħallas multa ta' ħames mitt Euro (€500) u minflok

tiddikjara lill-appellant mhux ħati tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**